**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 203/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Amadeo Grima**
***Omissis***

Illum 11 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Amadeo Grima**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 259780(M), u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli ġewwa l-Fgura, nhar it-3 ta' Frar 2011, għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs):

1. ikkommettew serq minn ġewwa l-ħanut 'Soshique Beauty Clinic' sitwat fi Triq il-Koppla, Fgura, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbeż mitejn u tnejn u tletin Euro u

erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Analise Trapani;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil xi persuna, u ċioè lil Analise Trapani kontra l-volonta' tagħha, jew taw il-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti filwaqt li kienu qed jagħmlu reat kontra s-sigurta' tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-proprjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-proprjeta');

<u>Lil Amadeo Grima waħdu talli</u>:

4. irrenda ruħu reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu kif ukoll talli wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 86 u 87(c), 261(a)(c), 262, 267, 275, 277(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu erba' (4) snin priġunerija. *A tenur* ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ipprojbiet lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt dak l-Att għal żmien ħames

snin. Finalment, b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' disa' mija u għaxar Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€910.88) rappreżentanti nofs l-ispejjeż peritali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 365 *et seq.*) fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu iżda **tirriforma** s-sentenza appellata fir-rigward tal-piena inflitta u dana billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appell tal-appellant jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-appellant jitlob li din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-3 ta' Frar 2011 l-appellant flimkien ma' persuna oħra kkommettew numru ta' imputazzjonijiet, fosthom serq aggravat, minn ħanut fil-Fgura. L-

appellant u l-persuna l-oħra ma kellhomx wiċċhom mgħotti waqt is-serqa. Mir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 35 *et seq.*) jidher li l-appellant u l-persuna l-oħra kienu marru fil-ħanut il-jum ta' qabel sabiex jagħmlu appuntament għall-*facial* tant li sarilhom appuntament għall-ġurnata ta' wara u ċioè id-data tas-serqa. Jidher li eżatt meta nfetaħ il-ħanut fid-data tas-serqa, l-appellant u l-kompliċi tiegħu avviċinaw is-sid tal-ħanut u talbuha biex jinqdew mal-ewwel. Meta l-vittma daħlet ġewwa r-raġel għamlilha sikkina ma' għonqha u wara li rabtuha poġġewha bil-qiegħda fuq siġġu u għalqulha ħalqha. Jidher li f'xi ħin waqt dan il-proċess kollu marru xi nies biex jinqdew fil-ħanut u eventwalment dan wassal sabiex l-appellant u l-kompliċi tiegħu ħarbu minn fuq il-post bir-refurtiva konsistenti fi flus u *laptop*. Il-Pulizija waslu għall-appellant u l-kompliċi tiegħu wara li l-vittma tat deskrizzjoni tagħhom.

Illi għal kull buon fini għandu jingħad li fis-6 ta' Frar 2011 tressqu quddiem l-Ewwel Qorti kemm l-appellant u kif ukoll Helen Grima u li fil-31 ta' Jannar 2018 l-Ewwel Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn iż-żewġ persuni msemmija u dana peress li fl-istess seduta Helen Grima rreġistrat ammissjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija eċċessiva u li l-Qorti kien messha tieħu in konsiderazzjoni li r-reat kien ilu ferm li seħħ. Jgħid li dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tad-droga iżda issa rriforma ruħu u qata' dan il-vizzju. Jgħid ukoll li saħansitra fittex xogħol minn ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u jisħaq li wieħed irid dejjem iħares lejn l-element riformattiv tal-piena u li jekk jingħata piena ta' priġunerija, ħadd ma hu ser jibbenefika.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:
>
> > "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, hija xtarret il-pieni li tipprefiġġi l-liġi għar-reati li wettaq l-appellant u li tagħhom instab ħati u tqis, fost l-oħrajn, li Artikolu 87 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jipprefiġġi piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa tliet snin. Apparti minn dan, l-appellant instab ħati wkoll ta', fost l-oħrajn, serq aggravat u huwa wkoll reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar il-punt ta' riabilitazzjoni tal-appellant, din il-Qorti kkunsidrat il-konklużjonijiet fis-*Social Inquiry Report* li ġie redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri u li ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta b'mod partikolari fejn hija kitbet hekk:

> "Fid-dawl tal-fatturi ppreżentati f'dan ir-rapport, l-Uffiċċjal tal-*Probation* tara li jkun għaqli jekk Amadeo Grima jkompli jagħmel użu tajjeb mill-ħin tiegħu waqt li jinsab ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin filwaqt li

> jżomm 'il bogħod mill-vizzji. Ikun aktar importanti li mbagħad ikompli jsostni l-ħajja ta' bżulija li s'issa jidher li qabad ġaladarba jingħaqad lura mas-soċjeta'. Dan filwaqt li jkompli jibbenefika mis-sapport li qed jiġi offrut lilu u jikkommetti ruħu sabiex ikompli jirreġistra progress f'ħajtu."

Illi rigward il-fatt li fis-sottomissjonijiet bil-fomm magħmula quddiem din il-Qorti diversament preseduta ngħad li l-kompliċi tal-appellant fir-reati in kwistjoni ngħatat piena differenti, din il-Qorti tinnota li l-paraguni huma odjużi speċjalment tenut kont tal-fatt li l-kompliċi ammettiet l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha.

Illi dwar il-punt marbut mal-fatt li l-appellant irriforma ruħu, din il-Qorti ser tieħu ħsieb tiżen kemm l-interess tas-soċjeta' kif ukoll l-possibbilita' li l-appellant jiġi rintegrat fis-soċjeta'. Din il-Qorti tqis minn naħa waħda l-fedina penali refrattarja tal-appellant u n-natura gravi tar-reati hekk kif imwettqa minnu u fuq in-naħa l-oħra l-impenn tiegħu biex jegħleb id-dipendenza fuq id-droga.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tqis li c-ċirkostanzi tar-reati, inkluż l-vjolenza wżata bl-użu tas-sikkina ma' għonq il-vittma u nkluż l-atteġġjament tal-appellant fejn anke rabat il-vittma ma' siġġu, huma tali li twassal lil din il-Qorti sabiex ma tvarjax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux "*manifestly excessive*" u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

Illi din il-Qorti xorta tagħmel kuraġġ lill-appellant sabiex jimxi fit-triq it-tajba ħalli fl-aħħar tat-traġitt tiegħu, wara li jkun ħallas għall-għemil tiegħu, huwa jkun jista' jerġa' jibda jgawdi ħajtu bħala parti mis-soċjeta'.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Amadeo Grima u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**